MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Numru 21/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Arnold Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fid-19 ta' Settembru 2011 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkuzat. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-23 ta' Settembru 2011.

**2.** Arnold Farrugia kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fid-9 ta' April 2010 (nru 21/2010) li: (1) assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (2) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi; (3) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina kontra l-ligi u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant indika li kien qieghed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-ewwel, it-tielet u s-seba' eccezzjonijiet cioe` dawk immarkati bl-ittri (a), (c) u (g).

**4.** Permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet fin-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2010 l-akkuzat appellant eccepixxa:

"(a) Id-dokumentazzjoni kollha inkluz il-process verbal li jirrelata dwar terz/i persuna/i huma inammissibbli bhala provi fil-process *de quo*";

"(c) Illi x-xiehda ta' l-Ispizjar Mifsud hija inammissibbli skond il-ligi u x-xiehda tieghu u r-relazzjoni tieghu moghtija fl-Istruttorja ghandhom ikunu sfilzati u f'kull kaz ma jingabux bhala prova fil-kaz *de quo* quddiem din l-Onorabbli Qorti";

"(g) Illi l-akkuzat jeccepixxi rregolaritajiet li bir-rispett saru sew fl-inkjesta kif ukoll fl-istruttorja, inkluz izda mhux limitat ghal hatra ta' esperti in generali u r-relazzjonijiet rispettivi taghhom, u f'kull kaz jitlob illi jkun f'pozizzjoni li jitlob periti addizzjonali fis-sengha u hila specjali li tigi talvolta ndikata mill-akkuzat".

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar dawn l-eccezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

"**L-ewwel eċċezzjoni – immarkata (a)**

"L-eċċezzjoni hija s-segwenti:

"'Id-dokumentazzjoni kollha inkluż il-*proces verbal* li jirrelata dwar terzi persuna huma inammissibbli bħala prova.'

"Id-difiża rreferiet għal dawk id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' Hasan el Salah.

"Matul it-trattazzjoni orali dwar dan il-punt. L-argument ewlieni kien dan:

"'Li l-inkjesta dwar l-*in genere* tista' tinġieb bħala prova ma hemmx dubju purche` pero` li dik il-prova ta' l-*in genere* b'xi mod jew ieħor għandha rabta mal-akkużat.....Jekk jiġi prodott dan il-*proces verbal* l-akkużat ma jista' jagħmel xejn.'

"Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li 'fil-fatt nexus hemm. Jekk jara t-titoli tal-proċessi verbali huwa biżżejjed. L-ewwel proċess isemmi t-Trailer TR 529. Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni mid-difiża. Il-proċess l-ieħor (li huwa kkontestat mid-difiża) għandu n-numru tal-istess trailer u fuq l-istess data fejn id-droga mbagħad waslet hawn Malta. It-trailer huwa konness mal-akkużat. Kienet l-istess Maġistrat li rrediġiet l-ewwel proċess verbal li għamlet ukoll it-tieni wieħed. Fl-ewwel parti prattikament ipproduċiet il-*Proces Verbal* li kien hemm oriġinarjament........ Hemm nexus ċar bejn Hasan Ben Salah u l-akkużat. L-Ewwel Kap huwa dwar 'assoċjazzjoni' u f'akkuża bħal din bilfors ikun hemm aktar minn persuna waħda involuta.'

"Ikkonsidrat:

"Skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-13 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika

ta’ Malta versus Emanuel Farrugia u Raymond Borg’ (Volume LXXXI Part IV paġini 13 u 14) kien deċiż hekk:

“‘Kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sistema tagħna ma hemm assolutament xejn x’jipprekludi li atti proċesswali rigwardanti terzi jidħlu fl-atti proċesswali ta’ persuna oħra purche` dawk l-atti jkunu relevanti u ta’ utilita` għall-proċess li jkun u dejjem fil-parametri tal-Liġi.’

“Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat diġa` kellu opportunita` quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan il-*proces verbal*. Barra dan, il-*proces verbal* huwa wieħed li għandu x’jaqsam mal-akkużat u mhux xi prova irrelevanti. Isegwi li dan il-*proces verbal* huwa wieħed bħal dak li ghalih irreferiet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza ċitata hawn fuq.

“**Għaldaqstant il-Qorti mhix tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat.**

“....

“**It-Tielet Eċċezzjoni**

“L-eċċezzjoni immarkata (ċ) hija li x-xhieda li ta’ l-Ispiżjar Mifsud hija inammissibbli skont il-Liġi u li x-xhieda tiegħu u r-relazzjoni mogħtija fl-istruttorja għandhom ikunu sfilzati.

“In sostenn ta’ din l-eċċezzjoni d-difiża, fin-nota tagħha tal-10 ta’ Jannar 2011, issottomettiet li l-Ispiżjar Mario Mifsud għandu jitqies bħala xhud ex parte. Ir-referenza hija għall-proċes verbal immarkat 1036/05 li jinsab a fol 37 tal-proċess. Skont id-difiża isem dan l-espert ma jinkwadrax fost l-ismijiet tal-persuni li ħatret il-Maġistrat Inkwirenti. Meta kien esibit il-proċess verbal, il-Qorti Istruttorja ma semmiet xejn li qegħda taħtar lis-Sur Mario Mifsud. Huwa tassew li fir-rapport bil-miktub li jsir lill-Maġistrat Inkwirenti hemm imsemmi l-isem ta’ dan l-espert iżda allura wieħed irid jara jemminx lill-Ispettur Norbert Ciappara jew inkella lill-Maġistrat Inkwirenti.

“L-Avukat Ġenerali ssottometta li n-nuqqas li jidher isem is-Sur Mario Mifsud fir-rapport tal-Maġistrat huwa biss lapsus calami. Kemm l-Ispettur Norbert Ciappara kif ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud jistgħu jikkonfermaw li kienet il-Maġistrat Inkwirenti li għamlet tali nomina. Ir-rapporti tal-Ispettur Ciappara u l-Ispiżjar Mario Mifsud it-tnejn jikkonfermaw dan. Imbagħad hemm il-proċess verbal a fol 551 fejn hemm il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud imsemmija

‘ai fini ta’ dawn il-proċeduri u in relazzjoni mal-ewwel Proces Verbal.’

“Dan il-proces verbal kien estensjoni tal-ewwel wieħed meta l-proċeduri kontra l-akkużat kienu diġa’ daħlu fis-seħħ. U fit-tieni proċes verbal il-Qorti kkonfermat il-ħatra tal-esperti kollha. (fol 544 Volume IV).

“Finalment dan il-punt qatt ma tqajjem matul il-proċeduri.

“Ikkonsidrat

“Għal dak li huwa Liġi, il-Kap 9 fl-artikolu 650 tiegħu jipprovdi li l-esperti għandhom ikunu magħżula mill-Qorti.

“Fil-prattika, meta jkun hemm lok li ssir inkjesta, il-Pulizija Esekuttiva tikkomunika mal-Maġistrat tal-Għassa li jaħtar l-esperti malajr kemm jista’ jkun bil-fomm.

“Il-Liġi ma titlobx aktar minn daqshekk fl-artikolu 650(2).

“L-Ispettur jieħu nota tal-ismijiet u jniżżilhom fir-rapport li huwa jippreżenta fil-Qorti.

“Il-Qorti fliet il-Proces Verbal 1036/05 u fil-lista a fol 3 jidhru l-ismijiet tal-Perit Richard Aquilina, PS 171 Carl Glenville u PS 659. Iżda fir-rapport tal-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara hemm isem l-Ispiżjar Mario Mifsud imniżżel qabel dak tal-Perit Richard Aquilina. Dan ir-rapport huwa parti mill-inkjesta u skont il-Liġi jrid ikun ippreżentat fi żmien qasir.

“Jidher li min ttajpja r-resume’ tal-Maġistrat Inkwirenti bi żball nesa jniżżel isem l-Ispiżjar Mario Mifsud. Wieħed jinnota li l-Proces Verbal kien jirreferi għad-data 25 ta’ Lulju 2005 u l-Maġistrat Inkwirenti ħalqet dan il-proces fit-3 ta’ Awissu 2005 għax hekk intalbet tagħmel mill-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara permezz ta’ rikors datat 2 ta’ Awwissu 2005 meta kien għadu ma rrapporta ebda espert.

“Issa peress li din kienet inkjesta dwar sejba ta’ sustanza allegata eroina, in-nomina ta’ espert analatiku hija waħda awtomatika daqs kemm il-ħatra ta’ patoloġisti hija awtomatika f’każ ta’ mewt suspettuża.

“Iżda jirriżulta wkoll li l-esperti nominati fl-inkjesta kienu ġew ikkonfermati mill-Maġistrat Dr Anthony Vella (fol 33) fis-seduta tal-4 ta’ Awissu 2005.

“Meta xehed l-Ispettur Norbert Ciapapra fl-4 t’Awwissu, 2005, semma test fuq il-post li sar mill-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 44) u aktar ‘l isfel:

“‘Sussegwentement, minn hemmhekk jiena nżilt id-depot tal-Pulizija, l-ispiżjar Mario Mifusd bis-sustanza, il-pakketti li ġew maqlugħa flimkien fil-preżenza ta’ Arnold Farruia kienu eskortati wkoll lejn id-depot tal-pulizija f’kamra fis-sezzjoni tal-forensika, fejn hemmhekk l-Ispiżjar Mario Mifsud u s-Soco fetħu dawn il-pakketti...’

“Din is-silta hija evidenza ċara li l-Ispiżjar Mario Mifsud ma kienx qed iwettaq dmiru bħala xhieda ‘ex parte’ iżda flimkien mas-scene of the crime officers li kienu nħatru mill-Maġistrat Inkwirenti.[1]

“Meta xehed bil-ġurament u kkonferma r-relazzjoni tiegħu fis-17 ta’ Novembru 2005 (fol 214) l-Ispiżjar Mario Mifsud (a fol 237) xehed hekk:

[1] Ara wkoll ix-xhieda tal-Assistant Kummissarju (dak iż-żmien Supretendent) Neil Harrison.( a fol 111)

"'Qed nippreżenta r-relazzjoni tiegħi, fejn kont appuntat mill-Maġistrat Dr Miriam Hayman biex nagħmel l-analiżi fuq id-dokuemnti li ġew elevati u qed nippreżenta d-dokumenti li fuqhom saru l-analiżi.' (fol 237)

"L-istess relazzjoni tibda hekk:

"'Nomina:

"Illi b'inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti tal-25 ta' Lulju tas-sena 2005, l-esponent, l-Ispiżjar Forensiku Mario Mifsud inħatar bħala espert forensiku sabiex jeżamina u jirrelata dwar dokument wieħed.'

"Barra dawn hemm it-tieni proces verbal (fol 550) li kien a karigu tal-istess Maġistrat Inkwirenti li kienet responsabbli għall-ewwel proces verbal. A fol 551 hemm indikat li l-Ispiżjar Mario Mifsud kien inħatar bħala espert ai fini ta' dawn il-proċeduri u b'relazzjoni mal-ewwel Proces Verbal

"**Konklużjoni**

"Wara li rat dan kollu, il-Qorti qed tikkonkludi u hija għal kollox soddisfatta li l-Ispiżjar Mario Mifsud kien maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti kif titlob il-Liġi. U għalhekk m'hemm xejn li għandu x'jiġi sflizat u kemm ir-rapport kif ukoll ix-xhieda tiegħu huma validi u għandhom jibqgħu bil-proċess odjern.

"**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat (dik immarkata bl-ittra (ċ)).**

"...

"**Is-Seba' Eċċezzjoni (dik immarkata bl-ittra (g).**

"B'din l-eċċezzjoni l-akkużat allega irregolaritajiet dwar ħatriet ta' espert in ġenerali (kemm fl-Inkjesta kif ukoll fl-Istruttorja). Id-Difiża tagħfas b'mod speċjali fuq il-ħatra tal-PL Julia Scerri Ferrante.

“Il-ħatra saret fis-17 ta’ Novembru 2005. Il-Prosekuzzjoni għamlet it-talba. Sabiex l-espert jieħu l-impronti diġitali tal-imputat u jsir tqabbil mal-impronti diġitali esibiti fir-rapport ta’ PS 659 il-Qorti ħatret lil PL Julia Scerri Ferrante. (fol 214).

“Fil-25 ta’ Mejju 2006, il-Qorti ħatret lill-espert Joseph Mallia sabiex flimkien mal-PL Julia Scerri Ferrante jesegwixxu l-inkarigu mogħti fis-17 ta’ Novembru 2005. Filfatt il-kliem użat kien:

“‘lil Joseph Mallia u l-PL J.Scerri Ferrante, sabiex konġunitivament jagħmlu l-eżamijiet forensiċi necessarji, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni.’

“Fuq il-ħatra kien hemm qbil bejn il-partijiet.

“Liġi

“L-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

“(1) Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta’ persuna jew ta’ ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.

“(5) Il-Qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jaħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista’ wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f’kull każ bħal dan, il-qorti m’għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa’ teżmina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan hu meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.’

“Id-difiża tissottometti li ma kienx osservat l-artikolu 650(4) li jipprovdi hekk:

“‘Bħala regola l-periti għandhom jinħatru f’numru bil-fard.’

"Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix tal-fehma li fiċ-ċirkostanza ta' dan il-każ, kien hemm xi ksur ta' din ir-regola. L-ewwelnett it-teħid tal-impronti diġitali fih innifsu huwa att fiżiku li jsir quddiem il-Qorti seduta stante. Jirriżulta mill-atti li ż-żewġ esperti kienu preżenti meta ttieħdu dawn l-impronti diġitali. Oltre dan, kieku rriżulta xi differenzi fl-interpretazzjoni, il-Qorti kien ikollha tqabbad espert ieħor. Dan ma jiriżultax li kien hemm ħtieġa tiegħu.

"Dwar id-direzzjoni li għandha tingħata lill-periti, skond l-istess artikolu, dan isir 'kull meta jkun hemm bżonn'. Issa, peress li l-Kap 9 huwa Liġi speċjali, din il-parti tal-artikolu 650(4) tipprevali fuq kull dispożizzjoni oħra ukoll jekk l-artikolu 520 tal-Kap 9 stess jipprovdi li jgħoddu għall-qrati tal-ġustizzja kriminali

"'l-artikoli 558 sa 662 li għandhom x'jaqsmu ma' xhieda b'mod ġenerali.'

"Infatti fl-istess artikolu 520 tal-Kap 9 insibu l-kliem ' ħlief sa fejn hu provdut xort'oħra f'dan il-Kodiċi'. Propju fl-artikolu 650 tal-Kap 9 hemm il-kliem 'kull meta jkun hemm bżonn'. Dawn il-kliem ma jistgħux jiġu injorati qisu jeżisti l-kliem biss tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kap 12.

"Issa fil-każ ta' ċerti ħatriet, dak li għandu jsir huwa ċar kristall u ma jinħtieġ ebda direzzjoni oħra mill-Qorti. Il-każ tat-teħid tal-impornti diġitali u t-tqabbil tagħhom ma tinħtieġ ebda direzzjoni speċjali. Id-dettalji l-oħra li fuqhom jagħmel s-sottomissjonijiet l-abbli difensur fil-paġina 7 tan-Nota tiegħu ma kienx hemm ħtieġa tagħhom. Għalhekk il-Qorti la qed tara l-ewwel nuqqas u lanqas it-tieni nuqqas msemmi mill-abbli difensur.

"Iżda d-difiża ssottomettiet ukoll li l-PL Julia Scerri Ferrante ma kellhiex il-ħila forensika fil-qasam tal-impronti diġitali iżda ħiliet oħra. Id-difiża qalet ukoll li meta saret il-ħatra tal-PL Julia Scerri Ferrante ma kenitx taf dwar dan.

"Jirriżulta mill-atti li, fil-25 ta' Mejju 2006, meta d-difiża kienet oġġezzjonat għan-nomina tal-ħatra tas-sur Joseph

Mallia , il-Qorti kienet tat ċans lid-difiża li tipproponi espert tal-għażla tagħha. Id-difiża kienet ipproponiet lill-istess PL Juliana Scerri Ferrante. Ma tistax f'dan l-istadju tqajjem id-dubji dwar il-kwalifiki ta' persuna li għażlet id-difiża stess.

"Għalhekk il-Qorti mhix qed tara n-nuqqas li qed tqajjem id-difiża.

"Fl-aħħarnett, id-difiża tillamenta li l-PL Scerri Ferrante kellha tkun preżenti waqt it-teħid tal-impronti diġitali. L-ewwelnett jidher li kemm Joseph Mallia kif ukoll Juliana Scerri Ferrante kienu preżenti u ffirmaw fuq id-dokumenti. Iżda oltre dan, din proċedura li ssir quddiem il-Maġistrat seduta stante u għalhekk il-Maġistrat seta' faċilment jikkontrolla x'qed isir quddiemu. Jiġifieri, lanqas jekk għall-grazzja tal-argument, kien preżenti wieħed mill-esperti, m'hemm xejn li jqanqal xi suspett li l-impronti diġitali tal-akkużat ittieħdu b'mod irregolari. Fuq kollox, it-tqabbil kellu jkun bejn l-impronti diġitali tal-akkużat u dawk li kienu elevati minn ħadd ieħor – is-scene of the crime officers -u mhux ma' xi impronti oħra li kienu elevati mill-istess esperti maħtura mill-Qorti.

"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-seba' eċċezzjoni tad-difiża, jiġifieri dik immarkata (g)."

**6.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2011 appella, kif inghad, l-akkuzat, li talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat l-isfilz tas-sentenza moghtija kontra Hasan Ben Salah u thassarha fil-konfront ta' l-eccezzjonijiet immarkati bl-ittri (a), (c) u (g) u minflok tilqa' dawn l-istess eccezzjonijiet u tghaddi sabiex taghti dawk id-direttivi necessarji, u dan a tenur ta' l-artikolu 499(6) tal-Kodici Kriminali.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-process verbal rigwardanti t-tqabbil ta' impronti tas-swaba' ma' dawk ta' Hasan Ben Salah u huh Rashid. L-appellant jargumenta li dan id-dokument ma ghandu l-ebda kontroll fuqu, mhux ser ikollu kontroll fuqu u mhux ser ikun jista'

jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji lil dawk il-persuni li ghamlu x-xoghlijiet. Jghid li dan jilledi d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq.

**8.** Din il-Qorti ezaminat il-process verbal li ghalih jirreferi l-appellant, u cioe` dak li jinsab a fol. 549 sa 696 ta' l-atti ta' l-Istruttorja (ossia kopja legalizzata ta' l-istess process verbal datat 17 ta' Novembru 2006). Dan il-process verbal ma hu xejn ghajr kontinwazzjoni ta' l-inkjesta mibdija permezz tar-rapport maghmul fil-25 ta' Lulju 2005 mill-Ispettur Norbert Ciappara lill-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat Dott. Miriam Hayman, dwar sejba ta' blokki u pakkett zghir kontenenti dik li kienet suspettata kokaina fit-trailer TR 529. Difatti a fol. 567 ta' l-atti ta' l-Istruttorja hemm in-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali tal-process verbal originali (numru 1036/05) li kien thejja mill-istess Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Awissu 2005 (l-original jinsab esibit a fol. 37 ta' l-atti ta' l-Istruttorja). Dan ir-rinviju sar a tenur ta' l-artikolu 569(2) tal-Kodici Kriminali.[2] Jigifieri l-atti rigwardanti dak li sar in segwitu ghall-imsemmija nota ta' rinviju jiffurmaw parti integrali mill-process verbal numru 1036/05 li huwa producibbli fl-intier tieghu ai termini ta' l-artikolu 550(1) tal-Kodici Kriminali. Il-kontroll li seta' kellu l-appellant kien dak previst mill-artikolu 550(2) tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-artikolu 405 ta' l-istess Kodici. Inoltre xejn ma hu se jzommu milli, waqt il-guri, jikkontroezamina xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni jew jezamina xhieda prodotti minnu. Ghalkemm l-appellant ilmenta wkoll illi l-esebir u l-utilizzar ta' l-inkjesta tilledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, huwa ma qalx li kien qieghed iqajjem kwistjoni kostituzzjonali, izda anke jekk stess ried li jiftiehem hekk, l-ilment tieghu hu frivolu u vessatorju.

**9.** L-appellant, pero`, jilmenta wkoll mill-fatt illi wara nomina ta' P.S. 1374 Edgar Dalli sabiex isir *comparison* bejn il-*prints* elevati minn P.S. 659 mad-*database* tal-Pulizija sabiex tkun ippruvata l-identita` ta' l-ahwa Ben Salah, fir-relazzjoni tieghu P.S. Dalli qal li sab li l-werrej ta'

[2] 569 (2) "L-Avukat Generali ghandu jibghat lura dawk l-atti lill-magistrat jew lill-magistrat tal-kompilazzjoni meta jkun jinhtieg li l-investigazzjoni tissokta."

id il-leminija ta' l-appellant kien jaqbel ma' *print* wahda. Jigifieri, jghid l-appellant, hawn ghandna membru tal-korp tal-Pulizija li jeleva *fingerprints*, membru iehor tal-korp iqabbel dawn ma' dawk misjuba fid-database tal-Pulizija u jsib li hemm *print* wahda ta' l-appellant. L-appellant jghid li dan ikompli jiehu accenn aktar serju meta jitqies li tali *comparison* sehh qabel ma Juliana Scerri Ferrante u Joseph Mallia espletaw l-inkarigu taghhom. "Jigi mfakkar ukoll," ikompli jghid l-appellant, "kif Joseph Mallia huwa ex-membru tal-Korp tal-Pulizija li ghallem u tghallem ma' P.S. Hughes u P.S. Dalli. Jintqal fil-qawl Malti li kappell ma jmejjilx iehor, u huwa f'dan l-isfond ukoll li l-eccezzjoni (g) tiehu xejra aktar importanti tenut kont li mid-dokumenti kollha li kellhom jkunu analizzati minn Scerri Ferrante u Mallia, l-uniku dokument li ttiehed ghat-tqabbil kien proprju dik il-borza biss li kellha *print* li Edgar Dalli ga` kien iddikjara li taqbel ma' ta' l-esponenti, xhur qabel."

**10.** F'dar-rigward din il-Qorti tipprovdi biss billi tattira l-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti ghall-gurisprudenza stabbilita li esperti li huma ufficjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali.[3]

**11.** Kwantu ghall-fatt li Joseph Mallia huwa ex-membru tal-Korp tal-Pulizija, tirreferi ghad-decizjoni parzjali moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of**

---

[3] Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1998. Ara wkoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' April 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice**.

**Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**11.** Fil-kaz in ezami Joseph Mallia kien u mhux hu membru tal-Korp tal-Pulizija. *Multo magis* fil-kaz tieghu, galadarba l-appellant "**did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective**", l-ilment u l-kummenti ta' l-appellant ma jistghux jitqiesu hlief frivoli. Irid jinghad illi l-komparazzjoni li ghamlu l-esperti nominati mill-Qorti ma kienx mad-*database* tal-Pulizija izda bejn l-impronti elevati minn P.S. 659 Jeffrey Hughes u l-impronti ta' l-appellant mehudin fl-Awla. Di piu`, kif anke jidher mill-verbal tat-30 ta' Novembru 2006 (a fol. 414) l-esperti talbu li jezaminaw l-esibiti originali li minnhom ittiehdu l-impronti digitali. B'hekk huma setghu jivverifikaw jekk ir-ritratti ta' impronti li riedu jikkomparaw kinux ta' l-impronti originali. Dan ifisser li wettqu hidmiethom b'kura u attenzjoni. Ghalhekk, salv dak li ntqal f'paragrafu 10, l-ewwel aggravju huwa michud.

**12.** It-tieni aggravju jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar it-tielet eccezzjoni li, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ma ssejsietx fuq il-principji tal-ligi. Skond l-appellant, l-Ispizjar Mario Mifsud ghandu jigi kkunsidrat bhala espert *ex parte*, u cioe` bhala espert maghzul mill-Pulizija, u konsegwentement ma jista’ jaghti ebda opinjoni u lanqas isemmi x’kienu r-rizultati ta’ xi testijiet komparattivi li huwa ghamel. Fil-process verbal koncernanti l-wasla f’Malta tat-trailer misjuq, allegatament, mill-appellant, l-Ispizjar Mario Mifsud ma jissemma’ mkien mill-Magistrat Inkwirenti. Inoltre lanqas ma saret xi nomina ta’ l-Ispizjar Mifsud qua espert tal-Qorti Istruttorja meta huwa xehed fis-17 ta’ Novembru 2005, “u dan bhal ma kienx legalment permissibbli a tenur ta’ l-artikolu 564(2) tal-Kodici Kriminali”. Mela, galadarba ma nghata l-ebda nkarigu, isegwi li l-Ispizjar Mifsud huwa espert *ex parte* u m’ghandux jithalla jixhed quddiem il-Qorti Kriminali, jew semmai l-opinjonijiet u konkluzjonijiet tieghu m’ghandhomx jingiebu quddiem l-imhallfin tal-fatt fil-Qorti Kriminali.

**13.** L-appellant ma jistax jirnexxi f’dan l-aggravju peress illi ghalkemm huwa minnu illi fil-process verbal redatt fit-3 ta’ Awissu 2005 l-Ispizjar Mario Mifsud ma ssemmiex bhala wiehed mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – ghalkemm gie ndikat bhala wiehed mill-esperti nominati minnha fir-rapport li pprezenta l-Ispettur Norbert Ciappara – fil-process verbal redatt fis-17 ta’ Novembru 2006 il-Magistrat Inkwirenti qalet minghajr tlaqliq li fuq ir-rapport ta’ l-Ispettur Ciappara gie nominat minnha anke l-Ispizjar Mario Mifsud (ara fol. 551 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja) u anke kkonfermat n-nomini ta’ l-esperti kollha minnha gia` nominati (ara fol. 554 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja). Ghalhekk mhix kwistjoni ta’ jekk din il-Qorti ghandhiex taghti kredibbilita` lill-Ispettur (illum Supretendent) Ciappara jew lill-Magistrat Hayman – kif ipoggiha l-appellant – ghax hija l-istess Magistrat Hayman li kkonfermat li kienet nominat lill-Ispizjar Mario Mifsud. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**14.** Kwantu ghall-aggravju ta’ l-appellant dwar is-seba’ eccezzjoni, huwa jikkontendi li r-rapport Dok. JSF1

ghandu jigi sfilzat peress illi (i) gew nominati zewg esperti in konnessjoni ma' l-ezamijiet dwar l-impronti tas-swaba' u b'hekk ma giex osservat l-artikolu 650(4) tal-Kodici Kriminali; (ii) meta giet nominata l-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala espert sabiex taghmel il-*fingerprint comparison*, hija ma kinitx kompetenti stante li ma kellhiex kwalifiki bizzejjed f'dan il-qasam.

**15.** L-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi l-esperti ma gewx nominati bil-fard. Dak li jghid l-artikolu 650(4) huwa: **"Bhala regola l-periti ghandhom jinhatru f'numru bil-fard."** Dan ma jfissirx illi fejn esperti ma jigux nominati bil-fard, ix-xoghol li jaghmlu huwa llegittimu.

**16.** Kwantu ghat-tieni lment tieghu mbaghad, difficilment jista' l-appellant jirnexxi f'dan l-ilment meta mill-verbal tal-25 ta Mejju 2006 (a fol. 397 ta' l-atti ta' l-Istruttorja) jirrizulta hekk:

**"Bi qbil bejn il-partijiet, il-Qorti tinnomina lil Joseph Mallia u P.L. J. Scerri Ferrante sabiex konguntivament jaghmlu l-ezamijiet forensici necessarji, kif mitlub mill-prosekuzzjoni."**

**17.** L-appellant jilmenta wkoll dwar il-mod ta' tehid ta' impronti ta' l-appellant. Mill-verbal tad-19 ta' Ottubru 2006 (a fol. 411) jidher li l-impronti ta' l-appellant ittiehdu minn Joseph Mallia. Kinitx prezenti jew le Juliana Scerri Ferrante huwa mmaterjali peress illi l-hidma ta' persuna wahda hija bizzejjed biex isir tali tehid u inoltre mill-istess verbal jidher li dan sar taht ghajnejn u ghalhekk taht il-kontroll tal-Qorti. Inoltre fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2006 (a fol. 414) iz-zewg esperti kienu prezenti u gew awtorizzati jiehdu l-impronti digitali ta' l-id il-leminija ta' l-appellant seduta stante, kif fil-fatt sar. Dan kien, kif jirrizulta mir-relazzjoni taghhom, peress illi "kien hemm, xi impronti li ma kienx fihom id-dettal komplet, peress li l-istess Arnold Farrugia kellu xi bziezaq ta' l-ilma taht l-ewwel gilda (blisters) ta' subghajh." Dan ukoll sar – u ma jirrizultax differentement – taht ghajnejn il-Qorti. Kwindi dan l-aggravju huwa michud ukoll.

**19.** Ghal dawn il-motivi, salv dak li ntqal f’paragrafu numru ghaxra (10) ta’ din is-sentenza b’referenza ghall-ewwel eccezzjoni, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------